**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 104/2019 AGV**

**AB (ID NRU: 344493M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 558588)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 22 ta' April 2019, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi minn relazzjoni illi kellhom il-partijiet, nhar l- 14 ta' Novembru 2017, twieled il-ED (ara certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok A):

2. Illi l-minuri ghandu residenza tieghu fissa mal-omm u hija r-rikorrenti wehedha li trabbi u tiehu hsieb dak kollu li jirrgwarda lill-istess minuri;
3. Illi minkejja kull tentattiv tar-rikorrenti, sabiex jintlahaq ftehim fil-medjazzjoni, fuq dak li jirrigwarda l-kura , kustodja, access u manteniment

tal-minuri,( Dok B anness ), dan kollu ma sewa' ta xejn, stante li l-intimat, wera' interess minimu f' dal-proceduri, tant illi kellha tinghalaq il-medjazzjoni u l-partijiet gew awtorzzati jipprocedu b' kawza ( skont digriet anness u immarkat Dok C);

4. Illi permezz ta' digriet moghti minn dina l-Qorti, l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' 250 Ewro, oltre' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, u kif ukoll gie ordnat illi l-kura u kustodja tkun fdata interament f' idejn l-omm (digriet anness u mmarkat Dok. D);
5. Illi l-intimat ftit li xejn qattm wera' interess fil-kobor u t-trobbija tal-minuri;
6. Illi stante in-nuqqas ta' interess fl-minuri da parti tal-intimat, il-komunikazzjoni rigward l-istess minuri, hija wahda difficcli u sikwiet ir-rikorrenti tiffaccja problemi, stante illi l-intimat jonqos mill jwiegeb u / jew jaghti kusnens mehtieg lil-awtoritajiet versu il-bzonnijiet tal-minuri;
7. Illi ghalkemm l-intimat huwa rikonoxxut pjenament bhala l-missier naturali tal-minuri, u dan anke hekk kif jidher mic-certifikat tal-twelid tal-istess minuri, ir-rikorrenti tixtieq illi stante n-nuqqas ta' interess u affidabilita' tal-intimat, hija tigi fdata interament il-kura u kustodja tal-minuri, ED;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex ghal ragunijiet premessi dina l-Onorabbl Qorti ma ghandhiex;

1. Tordna l-kura u l-kustodja tat-tifel ED tigi interament fdata lir-rikorrenti, bi dritt ta' access favur il-missier fil-hinijiet illi dina l-Qorti jidrhilha;
2. Tordna lill-intimat sabiex ihallas versu ibnu, manteniment adegwat komprizi nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, illi jithallas kull erba' gimaghat;
3. Tordna li l-istess retta alimentarja tizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, mahruga mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika;

4. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lil-iben minuri fosthom zieda mhux limitat dwar kif ghandu jigi regolat is-safar, l-attendenza ghall-iskola u attivitajiet ohra u extra kurrikulari, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dil-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez tal-gudizzju komprizi dawk fil-proceduri, quddiem il-medjatur, kontra l-intimat, minn issa ingunt ghas-subizzjoni, b' rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, naqas milli jippresenta risposta entro t-terminu moghti lilu skond il-ligi, u ghalhekk gie dikjarat kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

**IKKUNSIDRAT**

Il-Qorti rat li f'dawn il-proceduri, inkluz il-medjazzjoni bejn il-partijiet, il-missier kien ghal kollox assenti. Ghalhekk il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attrici, u peress illi dawn qatt ma gew kontradetti mill-konvenut fl-ebda stadju, il-Qorti sejra tqis li dawn il-fatti huma veritjeri u li ghandhom mis-sewwa.

L-attrici qed titlob il-kura u kustodja tal-wild li ghandhom il-partijiet bejniethom. Huma kellhom relazzjoni bejniethom u minn din twieled tifel jismu E fl-14 ta' Novembru, 2017. Din it-talba qed issir sabiex hi tkun tista' tiehu hsieb ahjar ta' binhom minghajr il-htiega li titkarrab ghal firma tal-missier f'dak li jikkoncerna lit-tifel. Oltre minn hekk, qed titlob li tigi akkordata manteniment adegwat ghall-

istess minuri, flimkien ma' provvedimenti ohra li jistghu jirrigwardaw il-hajja tat-tifel.

Stante li qatt ma giet imressqa quddiem il-Qorti l-opinjoni tal-konvenut fuq din il-materja hekk delikata, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tal-attrici kif dedotti, u sejra tipprovdi skond ma gia' inghata fil-medjazzjoni, biz-zidiet mehtiega.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tordna l-kura u l-kustodja tat-tifel ED tigi interament fdata f'idejn l-attrici, bi dritt ta' access favur il-missier fil-hinijiet segwenti, u cioe' kull nhar ta' Tlieta w Hamis, bejn il-5.00pm u s-7.00pm, u fi tmiem il-gimgha darba s-Sibt bejn 12.00pm u l-4.00pm, u d-darba ta' wara l-Hadd fl-istess hinijiet.
2. Tordna lill-konvenut ihallas versu ibnu, manteniment fl-ammont ta' tlitt mija w hamsion Ewro fix-xahar (€350), liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni.
3. Tordna li l-istess retta alimentarja tizdied kull sentejn bl-ammont ta' ghoxrin Ewro (€20) fix-xahar, u dan jibqa' hekk joghla kull sentejn sa ma l-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena, jew sakemm jibqa' jistudja fuq bazi "full time" sa ma jaghlaq l-eta' ta' tlieta w ghoxrin sena, anke jekk f'dan il-perjodu jibda jahdem fuq bazi "part time".
4. Tawtorizza lill-attrici tapplika u tottjeni passaport tal-minuri minghajr il-htiega tal-firma jew kunsens tal-konvenut.
5. Tawtorizza lill-attrici tapplika ghall-iskola u ghall-attivitajiet ohra extra kurrikulari ukoll minghajr il-htiega tal-firma jew kunsens tal-konvenut.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**